

UFFIĊJAL TAL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Unità: Servizzi ta' Ġestjoni tar-Riżorsi
Referenza: ECDC/AD/2022/RMS-DPO

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq ta' Aġent Temporanju fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC jippjana li jirrekluta persuna waħda għall-pożizzjoni vakanti msemmija hawn fuq. L-ECDC għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi lista ta' riżerva, li tista' tintuża għal kwalunkwe pożizzjoni vakanti futur fil-qasam.

Id-Detentur tal-Impjieg se jirrapporta lid-Direttur. Mil-lat organizzattiv, id-detentur tal-impjieg se jkun parti mit-Taqsima tas-Servizzi Legali u se jkollu linja ta' rapportar funzjonali u se jaħdem mill-qrib mal-Kap tat-Taqsima kif ukoll mal-membri tat-tim li jappoġġaw il-funzjoni tal-protezzjoni tad-*data* (DP) u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti (ATD).

Id-detentur tal-impjieg se jkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- L-iżgurar b'mod indipendenti tal-applikazzjoni interna tar-reġim legali applikabbli fis-seħħ għall-aġenziji, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data* (ir-Regolament (UE) 2018/1725, "reġim legali DP"), inkluż fil-kuntest tas-sistemi ta' sorveljanza tal-ECDC;
- Iż-żamma ta' reġistru u inventarju tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-*data* personali mwettqa mill-ECDC;
- L-għoti ta' informazzjoni u pariri lill-kontrolluri tad-*data*, lill-proċessuri tad-*data* u lill-membri tal-persunal li jwettqu operazzjonijiet ta' pproċessar matul l-obbligi tagħhom skont ir-reġim legali applikabbli tad-DP, inkluż l-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet u l-awditi relatati;
- Il-monitoraġġ tal-konformità ma', is-sensibilizzazzjoni dwar, u l-għoti ta' taħriġ dwar ir-reġim legali applikabbli tad-DP rigward il-proċeduri u l-politiki interni tal-protezzjoni tad-*data*;

- L-iżgurar li l-kontrolluri tad-*data* u s-suġġetti tad-*data* jkunu infurmati dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom;
- Il-monitoraġġ, il-valutazzjoni, l-għoti ta' pariri fir-rigward ta' ksur ta' *data* personali u ż-żamma tar-reġistru ta' ksur ta' *data* personali;
- L-għoti ta' appoġġ lill-kontrolluri tad-*data* fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (DPIA) u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni tagħhom jew il-ħtieġa għal konsultazzjoni minn qabel dwar id-DPIAs;
- Il-konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS), inkluż dwar ksur potenzjali tal-protezzjoni tad-*data*, dwar il-ħtieġa għal DPIA, jew dwar il-ħtieġa li jiġu nnotifikati l-operazzjonijiet ta' pproċessar li x'aktarx jippreżentaw riskji speċifiċi;
- It-tmexxija ta' evalwazzjoni, standardizzazzjoni u titjib kontinwi ta' proċessi, proċeduri, metodi ta' ħidma (eż. mudelli, linji gwida, DPIA) u għodod (inklużi flussi ta' ħidma elettroniċi) biex l-ECDC ikun jista' jilħaq l-oġġettivi u l-prijoritajiet li jinbidlu b'mod effiċjenti;
- L-għoti ta' tweġibiet għal talbiet mill-EDPS, il-kooperazzjoni ma' u l-konsultazzjoni fuq it-talba tal-awtorità ta' superviżjoni jew fuq l-inizjattiva tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* stess;
- L-għoti ta' pariri dwar il-konformità ma' atti legali rigward aspetti ta' *data* personali u t-twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskju meta jkun meħtieġ;
- L-iżgurar li d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* ma jiġux affettwati ħażin mill-operazzjonijiet ta' pproċessar;
- Il-kollaborazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-UPD ta' aġenziji jew korpi oħra tal-UE dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-*data* kif meħtieġ;
- L-appoġġ għat-Taqsima tas-Servizzi Legali dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-protezzjoni tad-*data*, kif ukoll fil-ġestjoni tat-talbiet mill-pubbliku ġenerali skont ir-Regolament 1049/2001 u t-talbiet konfermatorji rispettivi, il-koordinazzjoni ta' rieżami u tweġibiet mal-unitajiet tal-ECDC, it-taħriġ dwar il-punti fokali u l-iżvilupp ta' gwida u sistemi fejn applikabbli;
- Il-kontribuzzjoni għal attivitajiet oħra tal-ECDC kif meħtieġ, fil-qasam tal-kompetenza tiegħu;

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew iktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin¹;
- Mill-inqas disa' snin ta' esperjenza professjonali² (wara l-għoti tad-diploma);

¹ Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija

² Servizz militari obligatorju dejjem jiġi kkunsidrat.

- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra uffiċjali tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietek³;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat għad-drittijiet kollha tiegħek bħala ċittadin⁴;
- Tkun issodisfa kwalunkwe obbligu impost mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tisodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament kapaċi li twettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

B. Kriterji tal-għażla

Biex tikkwalifika għal din il-kariga, identifika kriterji essenzjali fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

Esperjenza professjonali/għarfien:

- Mill-inqas ħames snin esperjenza professjonali miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Esperjenza professjonali mixhuda bi prova fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, fil-ħidma ma'/fi ħdan l-Istituzzjonijiet, l-Aġenziji jew il-Korpi Ewropej jew servizz relatat fi ħdan l-Amministrazzjoni Nazzjonali ta' Stat Membru tal-UE għal mill-inqas 5 snin;
- Għarfien u fehim tajbin tal-liġijiet applikabbli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, b'mod partikolari tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (GDPR) u r-Regolament 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, preferibbilment evidenzjat minn ċertifikazzjoni ta' UPD maħruġa minn korp ta' ċertifikazzjoni deskritt fl-Artikoli 42-43 tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Protezzjoni tad-*Data* jew minn assoċjazzjoni Internazzjonali tal-protezzjoni tad-*data*;
- Esperjenza professjonali ppruvata fit-twettiq ta' valutazzjonijiet tar-riskju relatati mal-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza;
- Għarfien dwar l-aspetti tal-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza tat-teknoloġiji tal-informazzjoni inklużi aspetti ta' sigurtà teknika u/jew *data* relatata mas-saħħa u/jew *data* psewdonimizzata;
- Esperjenza professjonali ppruvata fl-għoti ta' gwida lill-maniġment superjuri u taħriġ fil-protezzjoni tad-*data* u l-privatezza;
- Livell eċċellenti tal-Ingliš, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Tkun xprunat mill-kwalità, iffukat fuq l-għoti ta' servizz u orjentat lejn ir-riżultati;

³ Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliš bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew aktar).

Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali l-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' lingwa terza tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

⁴ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li m'għandux kondotta kriminali.

- Ħila li taħdem b'mod kollaborattiv u li tibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- Impenjat fit-tagħlim kontinwu u żżomm ruħek aġġornat mal-iżviluppi fil-qasam tal-għarfien espert tiegħek;
- Ikollok ħiliet analitiċi eċċellenti.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi tal-età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali u irrISPETTIVAMENT mid-diżabilitajiet.

Ħatra u kondizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinħatar abbażi ta' lista preliminari proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tigarantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħ.

Il-kandidat li jintgħażel ser jiġi reklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2f) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AD 8**.

L-applikanti għandhom jinnutaw ir-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinholq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjonijiet u tista' tiġi estiża.

Proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal dan il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz ta' sistema ta' reklutaġġ elettroniku, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u sottomettiha. **L-ECDC ma jaċċettax applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data rreklamata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikun hemm traffiku kbir fuq is-sit web. L-ECDC mhux se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ bl-email awtomatiku li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert li l-indirizz tal-email li tipprovdni għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni⁵ ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

⁵ Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum fl-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.